# Persuna li nammira: Shane Dawson



Shane Dawson huwa *youtuber* b'kuraġġ ta' sur. Dan ir-raġel kellu passat ikrah ħafna, iżda qatt ma ħares lura. Il-passat tiegħu bnieh f'persuna ta' stoffa, persuna li b'determinazzjoni emmen fih innifsu. Mhux talli hekk, talli hu kien kapaċi jgħin lil ħaddieħor bil-messaġġi pożittivi tiegħu.

Meta twieled, Shane kellu biss il-preżenza materna. Dan għaliex missieru li kien alkoħoliku, telaq lil ommu qabel twieled hu. Tfulitu qattagħha m'ommu u ma kellhomx ħafna flus biex jgħixu minħabba l-vizzju li kellu missieru. Allura ommu bdiet tipprova issib raġel biex tal-anqas ikollhom saqaf fuq rashom.

Meta tfarfar u beda jmur il-Primarja, beda jħossu bħal ħuta barra mill-ilma għax beda jara lit-tfal kollha b'ħafna riżorsi iżda hu ma tantx kellu minn dawn ir-riżorsi materjali. Żmien is-Sekondarja ma kienx żmien faċli għalih. Dan għaliex hu kellu piż żejjed u kulħadd kien jiddieħak bih. Hu għadda minn ħafna bullying. Il-ħbieb tiegħu kont tgħoddhom fuq id waħda u dawn kienu nies partikolari ħafna: tfajla lesbjana, ġuvni mkittef li ma kienx jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u ieħor li aktar kien ikun rieqed milli mqajjem, xempju tal-għażż! Madanakollu kollox inbidel meta ltaqa' mal-famuż *Youtube*. Dan is-sit fetaħlu bosta orizzonti ġodda.

Kif ra li jista' jaqsam qalbu mad-dinja permezz ta' dan il-programm huwa beda jagħmel ħafna vidjows u jtellagħhom fuq l-internet. Sa dak iż-żmien ommu kienet xtrat dar ċkejkna: dwejra żgħira kemm kemm ikollha fejn tgħix. Bil-mod il-mod il-familja bdiet tieħu ftit tar-ruħ.

Shane għadu sal-lum il-ġurnata attiv fuq *Youtube*. Uħud mill-vidjows tiegħu rawhom 'il fuq minn tliet biljun ruħ! Fl-2015, Shane Dawson ħareġ bħala omosesswali. Huwa qal li jippreferi jkun ma' raġel għaliex iħossu aktar komdu. Shane Dawson ilu sentejn mal-għarus tiegħu, Ryland Adams. Dan tal-aħħar jaħdem fuq stazzjon jismu *Clevver* fuq *Youtube*.




Jiena nammirah ħafna lil Dawson. Hu jservi ta' ispirazzjoni għalija għax qatt ma qata' qalbu tant li fil-filmati tiegħu jidħak bil-passat tiegħu u ma jħarisx lejh b'rimors. Din hi xi ħaġa impressjonanti għax bosta bnedmin mhumiex kapaċi jħarsu b'mod pożittiv lejn il-ħajja. Huwa ħareġ żewġ kotba intriganti. Dawson għad għandu x'joffri lis-soċjetà. Illum il-ġurnata qed issir aktar tolleranti milli kienet qabel, anke grazzi għal Dawson.

L-isem tal-istudenta: **Allezea Galea**
Il-klassi: **8.4**
L-għalliem: **Is-Sur Mark Ciantar**